MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 738/2012

Tereża *sive* Tessie **BONNIĊI**

vs

Doris **CARABOTT** u Joseph Carabott

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-25 ta' Lulju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) tillikwida l-ġid ereditarju ta' Francesco u Ġużeppa miżżewġin Carabott, ġenituri tal-partijiet, li mietu fil-25 ta' Ġunju, 2008 u fit-8 ta' Jannar, 2012, rispettivament, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit imqabbad mill-Qorti; (b) tillikwida s-sehem riżervat mistħoqq mill-attriċi mill-imsemmija wirtijiet tal-ġenituri tagħha kif hekk likwidati; u (ċ) tikkundanna lil ħutha l-imħarrkin

iħallsuha, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma ta’ sehem riżervat hekk likwidata. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Awwissu, 2012 li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Novembru, 2012[1], li bih u fuq talba magħmula waqt is-smigħ ta’ dakinhar mill-avukat tal-attriċi, ordnat li jsiru l-bidliet meħtieġa fl-Atti tal-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka Doris Carabott fil-25 ta’ Frar, 2013, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-kawża saret għalxejn għaliex hija qatt ma ċaħħdet lil oħtha l-attriċi minn dak li jistħoqqilha mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u għalhekk m’għandhiex teħel spejjeż tal-kawża. Żiedet tgħid li meta wieħed jiġi biex iqis il-valur tas-sehem riżervat dovut lill-attriċi, għandu jittieħed qies tan-nefqiet li saru fil-post biex sar titjib fih kemm mill-istess imħarrka u kif ukoll minn ħuhom l-ieħor. Temmet tgħid li hija għandha pretensjonijiet kontra l-attriċi dwar serviġi li hija tat u kienet qiegħda minn issa tirriżerva li tieħu passi dwarhom ’il quddiem;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Marzu, 2013[2], li bih tat żmien lill-imħarrek Joseph Carabott biex iressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin jum minn dakinhar;

Rat li minkejja ż-żmien mogħti lilu, l-imħarrek Joseph Carabott baqa’ ma ressaqx formalment it-tweġiba tiegħu, għaliex qal li xtaq li jagħmel bħala tiegħu wkoll it-tweġiba li ressqet oħtu Doris Carabott;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta’ Ġunju, 2013[3], li bih u fuq talba tal-attriċi ordnat li jsiru bidliet oħrajn fl-Atti tar-Rikors Maħluf;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta’ Ġunju, 2013, li fih l-avukat difensur tal-attriċi iddikjara li l-patroċinata tiegħu kienet qiegħda tirrinunzja għat-tressiq ta’ provi dwar ġid mobbli jew depożiti jew titoli bankarji f’isem il-ġenituri tal-partijiet kontendenti, iżda li hija ma kenitx qiegħda taqbel mal-valutazzjoni tal-post immobbli tal-istess ġenituri kif indikat fl-atti tad-dikjarazzjonijiet “*causa mortis*” li saru wara l-mewt ta’ kull wieħed u waħda mill-imsemmija ġenituri;

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 23 tal-proċess
[3] Paġ. 32 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Novembru, 2013[4], li bih u fuq suġġeriment magħmul mill-partijiet flimkien ħatret lil Joseph Lupi bħala espert tekniku biex jagħti stima lill-post mertu tal-każ, liema ħatra tħassret “*contrario imperio*” b’degriet tas-26 ta’ Novembru, 2013, wara talba tal-istess persuna maħtura biex tinħeles mill-inkarigu;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Jannar, 2014[5], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Jean Luke Żarb bħala perit tekniku sostitut;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fl-4 ta’ Marzu, 2014[6], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-15 ta’ Mejju, 2014;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta’ Ġunju, 2014[7], li fih l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li kienu joqogħdu għall-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti dwar il-valutazzjoni tal-post tal-ġenituri;

Rat ix-xhieda mressqa mill-imħarrka bil-meżż tal-affidavit;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Ġunju, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta’ ġid ġej minn wirt u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-leġittima (sehem riżervat). Bl-azzjoni tagħha, l-attriċi trid li ssir il-likwidazzjoni tal-ġid li ġej mill-wirt tal-ġenituri tagħha ħalli b’hekk tkun tista’ tieħu s-sehem riżervat lilha mil-liġi dwar l-istess wirt, kif kienet ir-rieda tal-ġenituri tagħha;

Illi l-imħarrkin aħwa Carabott ma wrewx li huma kontra t-talbiet, għaliex, għall-kuntrarju, qalu li huma qatt ma ċaħħdu lill-attriċi oħthom minn dak li huwa sehemha skond il-liġi. Żiedu jgħidu biss li meta wieħed iqis is-sehem tagħha mid-dar tal-ġenituri tagħhom, trid titqies in-nefqa magħmula mill-imħarrka Doris Carabott biex tejbet u żammet f’qagħda tajba l-istess post. Fil-każ tal-imħarrka Doris Carabott, din laqgħet ukoll

[4] Paġ. 39 tal-proċess
[5] Paġ. 44 – 5 tal-proċess
[6] Paġġ. 49 sa 60 tal-proċess
[7] Paġ. 62 tal-proċess

billi qalet li għandha pretensjonijiet dwar serviġi mwettqin minnha, u kienet qiegħda tirriżerva kull jedd ta' azzjoni fir-rigward 'il quddiem;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi hija oħt l-imħarrkin. Missierhom, Francesco Carabott miet testat fil-25 ta' Ġunju, 2008[8], filwaqt li ommhom Ġużeppa mwielda Mifsud mietet testata wkoll fit-8 ta' Jannar, 2012[9]. L-imsemmija miżżewġin Carabott ħallew warajhom seba'(7) ulied, u jiġifieri lill-attriċi, liż-żewġ imħarrkin u lil Nikola, Charlie, Rita mart Emanuel Schembri u Mario, aħwa Carabott;

Illi l-wirt ta' Francesco Carabott huwa regolat b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Buġeja tal-24 ta' Lulju, 2003[10]. Bl-imsemmi testment, it-testaturi ħallew lill-imħarrkin b'titolu ta' prelegat id-dar bl-isem ta' "*Frango*", bin-numru erbgħa (4), Triq Dun Bert Sant, Ġebel San Martin, fiż-Żejtun, wara li iddikjara li l-għamara u l-mobbli kollha li jinsabu fl-imsemmi post kienu kollha ġid tal-istess prelegatarji, minbarra li iddikjara wkoll li l-post tlesta bi nfieq tal-istess prelegatarji. It-testatur ħalla liż-żewġ uliedu l-imħarrkin bħala l-werrieta universali tiegħu f'ishma ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni favur uliedhom u bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom, f'każ li ma jkunx hemm ulied jew dixxendenti, u ħallew is-sehem riżervat lill-ħames uliedhom l-oħrajn fuq imsemmija, fosthom l-attriċi. Ħalla li s-superstiti tista' tibdel it-testment bla ma taqa' fil-pwieni maħsuba mil-liġi;

Illi l-post fi Triq Dun Bert Sant, Żejtun, kien id-dar fejn jgħixu Francesco u Ġużeppa miżżewġin Carabott u l-imħarrkin Doris u Joseph Carabott;

Illi l-wirt ta' omm il-partijiet Ġużeppa Carabott huwa regolat bl-imsemmi testment "*unica charta*", imma wara li romlot, resqet biex tagħmel testment ieħor aġġuntiv fl-24 ta' Novembru, 2010[11], li bih ħalliet sehemha mis-sular terran tal-imsemmija dar lill-imħarrka Doris Carabott filwaqt li ħalliet sehemha mill-ewwel sular tal-istess dar lil binha l-imħarrek Joseph Carabott u ordnatilhom biex, wara mewtha, itellgħu ħajt li jifred u jagħmlu x-xogħlijiet l-oħrajn kollha meħtieġa biex id-dar issir żewġ fondi maqtugħa minn xulxin u bi dħul għal rashom, b'ta' fuq u l-arja tiegħu jkunu l-post tal-imħarrek Joseph Carabott, filwaqt li ta' isfel mal-livell tat-triq, magħduda l-kamra li tintuża bħala remissa jkun il-post tal-imħarrka Doris Carabott, u li jagħmlu kuntratt ta' qasma u assenjazzjoni tal-ishma rispettivi biex ikollhom tagħhom f'tagħhom;

[8] Dok "A2", f'paġ. 5 tal-proċess
[9] Dok "A2", f'paġ. 6 tal-proċess
[10] Dok "A3", f'paġġ. 7 – 8 tal-proċess
[11] Dok "A4", f'paġġ. 9 – 10 tal-proċess

Illi d-dikjarazzjoni "*causa mortis*" wara l-mewt ta' Francesco Carabott saret minn martu u ż-żewġ imħarrkin b'att nutarili tat-23 ta' Ottubru, 2008[12]. Wara l-mewt ta' Ġużeppa Carabott, saru żewġ dikjarazzjonijiet "*causa mortis*", waħda mill-imħarrka Doris Carabott b'att nutarili tat-3 ta' Lulju, 2012[13], u waħda mill-imħarrek Joseph Carabott b'att nutarili tas-7 ta' Lulju, 2012[14];

Illi l-attriċi fetħet il-kawża fil-25 ta' Lulju, 2012;

Illi l-perit tekniku maħtur mill-Qorti stima l-valur tal-post għas-somma ta' mitejn u ħamsa u tletin elf euro (€ 235,000). Il-partijiet ilkoll qablu mal-imsemmija valutazzjoni

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, għandu jingħad minnufih li, fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-attriċi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ġunju tal-2013, qiegħed jitqies li l-ġid kollu tal-wirt tal-ġenituri tal-partijiet huwa l-post li fih kienu jgħixu fiż-Żejtun. Minħabba li dan il-post inkiseb matul iż-żwieġ tal-istess ġenituri tal-partijiet, ma huwiex il-każ li l-Qorti toqgħod tillikwida s-sehem tal-wieħed u tal-oħra;

Illi għalhekk għall-finijiet tal-**ewwel talba attriċi** l-Qorti qiegħda tillikwida l-ġid tal-ġenituri fis-somma ta' mitejn u ħamsa u tletin elf euro (€ 235,000). Għalkemm l-imsemmija ġenituri ddikjaraw li l-post tlesta bi nfieq taż-żewġ imħarrkin u minkejja li dawn eċċepew li, meta l-Qorti tiġi biex tqis is-sehem mis-sehem riżervat li l-attriċi jistħoqqilha, għandu jittieħed qies tan-nefqa li għamlu l-istess imħarrkin, baqgħu ma tressqu l-ebda provi biex juru, jekk tabilħaqq ġara dan, kemm kienet in-nefqa maħruġa mill-istess imħarrkin. Xhud wieħed – kuġin tal-imħarrkin – jgħid biss li hu kien għen fit-titligħ tas-soqfa tal-post "madwar tletin sena ilu"[15]. Issa, mid-dikjarazzjoni magħmula mit-testaturi fit-testment tagħhom "*unica charta*", il-post tlesta ġebel u saqaf mill-istess testaturi, u kien biss mix-xogħlijiet li saru wara li l-imħarrkin ħarġu l-ispejjeż biex lestewh. Dan għalhekk ifisser li l-imħarrkin ma ressqu l-ebda provi dwar in-nefqiet li jgħidu li għamlu. Ħaġ'oħra hi li l-istess testaturi jiddikjaraw ukoll li huma debituri lejn iż-żewġ uliedhom imħarrkin għan-nefqiet li dawn jgħidu li għamlu biex temmew il-post, imma ma jissemma l-ebda ammont ta' dan id-"dejn" lanqas fit-testment innifsu;

---

[12] Dok "1", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[13] Dok "2", f'paġġ. 28 – 9 tal-proċess
[14] Dok "3", f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Nicholas Carabott 4.11.2013, f'paġ. 35 tal-proċess

Illi għal żmien twil, il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[16]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[17];

Illi minn dan isegwi li idejalment il-leġittima trid tingħata *in natura*[18], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[19]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[20] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[21], u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[22]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[23];

Illi ladarba l-miżżewġin Carabott kellhom sebat ulied ħajjin fil-waqt ta' mewthom, dan iġib li s-sehem riżervat sħiħ għandu jkun ta' nofs ($^1/_2$) tal-ġid ereditarju tagħhom[24]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[25]. Dan ifisser li l-ulied kollha – kemm dawk li nħatru werrieta u wkoll dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt – iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[26]. Ifisser ukoll li sehem l-attriċi huwa ta' parti minn erbatax-il ($^1/_{14}$) sehem tal-ġid li jirriżulta li kellhom il-ġenituri tagħha dak inhar li mietu;

Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn

---

[16] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[17] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472)**
[18] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[19] Art. 620(3) tal-Kap 16
[20] Art. 620(2) tal-Kap 16
[21] Art. 620(4) tal-Kap 16
[22] Art. 620(1) tal-Kap 16
[23] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)
[24] Art. 616(1) tal-Kap 16
[25] Art. 616(2) tal-Kap 16
[26] Art. 618(1) tal-Kap 16

dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[27];

Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) **bilfors** wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni *in natura* (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "*un bene reale*" u l-"*aestimatio rei*" **għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,** cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk **ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja**"[28];

Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[29]. Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[30]. Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;

Illi jista' jagħti l-każ li x-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skond in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla

[27] P.A. **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)
[28] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[29] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[30] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et***

għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali. Ta' min jgħid li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt[31], u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt. L-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni *in natura* tal-ġid lil-leġittimarju;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħareġ li, għall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-attriċi, hemm biss ġid wieħed – id-dar fejn kienu jgħixu l-ġenituri tagħha – li għadu jagħmel mill-wirt tagħhom it-tnejn. Mill-mod kif inhu mfisser il-post, lil hinn mill-kwestjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji tal-ġenituri nfushom, ma jidhirx li huwa possibbli li s-sehem riżervat tal-attriċi jittieħed "*in natura*". Dan jingħad ukoll meta wieħed iqis l-għadd ta' wlied li għandhom jedd jieħdu s-sehem tagħhom (jekk jagħżlu li jitolbuh fiż-żmien xieraq bil-proċediment meħtieġ) , u jiġifieri erbat aħwa oħra minbarra l-attriċi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, is-sehem riżervat li minnu jistħoqqilha tieħu l-attriċi huwa s-somma ta' sittax-il elf, seba' mija u ħamsa u tmenin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€ 16,785.72);

Illi kif ingħad qabel, il-Qorti mhijiex tal-fehma li dan is-sehem jista' jew imissu jingħatalha *in natura*. Bi tħaddim tar-regoli li ssemmew aktar qabel, jidhrilha li l-ħlas ta' somma flus għandha tagħmel tajjeb għas-sodisfazzjon ta' dan il-jedd;

Illi **għall-finijiet tat-tielet talba attriċi** l-Qorti sejra tordna liż-żewġ imħarrkin biex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi l-imsemmija somma ta' sittax-il elf seba' mija u ħamsa u tmenin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€ 16,785.72) bħala l-kwota ta' leġittima (sehem riżervat) lilha dovuta;

Illi, fl-aħħarnett, irid jingħad li għalkemm l-imħarrkin jgħidu li huma qatt ma ċaħħdu lill-attriċi minn dak li jistħoqqilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha, ma tressqet l-ebda prova min-naħa tagħhom dwar x'offerta setgħu għamlulha biex il-kwestjoni ma tispiċċax, kif tabilħaqq ġara, quddiem din il-Qorti. Lanqas indikaw jekk huma offrewx xi somma bi ħlas jew it-tqegħid tas-somma offerta b'depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti. Dan

[31] Art. 620(2) tal-Kap 16

jgħodd għall-kwestjoni kemm tal-ispejjeż tal-kawża u kif ukoll tal-imgħaxijiet;

Illi, għalhekk, safejn l-imħarrkin jeċepixxu li ma jmisshomx ikunu kundannati li jħallsu l-ispejjeż tal-kawża dan mhuwiex sewwa u l-Qorti ma tistax tilqa' dik l-eċċezzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tillikwida l-ġid tal-wirt ta' Francesco u Ġużeppa miżżewġin Carabott, ġenituri tal-partijiet, fis-somma ta' mitejn u ħamsa u tletin elf euro (€235,000);

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida s-sehem riżervat li jistħoqqilha tirċievi l-attriċi mill-imsemmi wirt fis-somma ta' sittax-il elf seba' mija u ħamsa u tmenin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€ 16,785.72), u ssib li, minħabba n-natura tal-ġid tal-istess wirt, dan is-sehem jingħata lill-attriċi fis-sura ta' ħlas ta' somma flus;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin Doris u Joseph aħwa Carabott biex iħallsu lill-attriċi l-imsemmija somma ta' sittax-il elf seba' mija u ħamsa u tmenin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€ 16,785.72) bħala sehem riżervat hekk likwidat, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-4 ta' Frar, 2013[32], sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[32] Data tan-notifika tal-atti tal-kawża